# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 12 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur. Nru.: 152/2024JPG**

**Kawza Nru.: 4**

**EDG**

**-vs-**

**KD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' KD, datat 11 ta' Novembru 2024, a fol 30 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Il-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Dicembru 2004 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal (ID li twieled f-X, ND li twieled f' Y u ED li twieldet f'Z);*

2. *Illi mill-imsemmija data taż-żwieġ tagħhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

3. *Il-partijiet konjugi, ossija, l-esponenti KD u l-intimata EDG ilhom de facto separati imma minkejja dan il-kommunjoni tal-akkwisti xorta wahda ghaa vigenti bejn il-partijiet;*

4. *Illi fil-medjazzjoni il-partijiet kienu fuq bazi ta' bla pregudizzju waslu ghall-qbil fuq kollox (kustodja, access, assi parafernali, kif jinqasmu l-assi u d-djun fil-komunjoni, zmien sabiex tinbiegha id-dar matrimonjali etc..) imbghad allarieda l-attrici ipprocediet b'kawza fejn qed titlob li tinghata manteniment personali, id-dar matrimonjali vitae durante u inoltre li l-konvenut jibqa' jhallas l-loan fuq l-istess fond;*

5. *Illi minhabba f'hekk din il-kawza mhux ser tigi rizolta fil-qrib u dan peress li tqajjmu hafna punti ferm kontenzjuzi bejn il-partijiet li kollha jridu jigu ipprovati;*

6. *Illi sabiex l-ebda parti ma tippregudika lil parti l-ohra matul il-process tas-smiegh ta' din il-kawza, kif ukoll sabiex kull parti tkun tista' terga' tibni hajjietha b'mod indipendentement, huwa mportanti li l-partijiet ma jibqghux marbutin bil-kommunjoni tal-akkwisti. Dan minghajr kull pregudizzju ghas-sehem ta' kull parti mill-komunjoni ezistenti bejn il-partijiet, sakemm din tigi hekk likwidata;*

7. *Illi l-esponenti ghalhekk qed jitlob ghall-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta), b'dan illi kif ser jirrizulta, m'hu ser jinholoq l-ebda pregudizzju ghall-partijiet;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Salv kull provediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta EDG datata 29 ta' Novembru 2024 li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok, huwa assoluatment inkonċepibbli, kif dak diskuss fuq bażi ta' mingħajr bla preġudizzju waqt is-seduti tal-medjazzjoni, qiegħed jiġi rifless fl-atti tal-Qorti, u dana mhux b'mod fidil mal-verita'. Tali aġir huwa għal kollox skorett u jmur kontra kull spirtu tal-proċedura ta' medjazzjoni. Fi kwalunkwe każ, u kif jixhdu l-atti tal-istess medjazzjoni, assolutament mhuwiex minnu li kien hemm qbil fuq il-punti kollha pertinenti is-separazzjoni personali tal-partijiet, tant li kien hemm il-ħtieġa illi jsir rikors mill-esponenti sabiex jiġi likwidat il-quantum ta' manteniment li l-intimat għandu jħallas għall-uliedu pendente lite.*

2. *Illi fir-rigward tat-talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-Partijiet, l-esponenti ma għandhiex oġġezzjoni għal tali talba.*

3. *Illi fi kwalunkwe lok, l-esponenti ma għandhiex tbati spejjeż relatati ma' din l-istanza.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza in parte wara talba maghmula mill-intimat permezz tar-rikors datat 11 ta' Novembru 2024, fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, liema talba mhiex opposta minn naha tal-intimat.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandu jinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien ikun jghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux***

> ***proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*”**

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Marzu 2015:

> **“*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta’ lil parti jew ohra li “f’kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta’ firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m’ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri “pregudizzju mhux proporzjonat.” Inoltre, l-oneru tal-prova ta’ dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*”**

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kienet ser iggib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, ‘l quddiem, ikun jista’ jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***“...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista’ jkun ta’ ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga’ dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici”.***

In vista tan-nuqqas ta' oggezzjonijiet da parti tal-konvenuta, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attur jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur KD u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez kontra l-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**